# KATEKEŻI TAL-PAPA FRANĠISKU DWAR IŻ-ŻWIEĠ U L-FAMILJA

## DAĦLA

Il-Papa Franġisku kellu xewqa kbira li jiftaħ diskussjoni fil-Knisja għal sena sħiħa dwar iż-żwieġ u l-familja. Kien għalhekk li bejn l-10 ta' Diċembru 2014 u l-14 ta' Ottubru 2015 – bejn iż-żewġ laqgħat tas-Sinodu dwar il-Familja – il-Papa ddedika ħafna mill-udjenzi tiegħu ta' nhar ta' Erbgħa biex jagħti katekeżi (f'29 parti) li fiha huwa tkellem dwar id-diversi aspetti tal-ħajja tal-familja.

Fil-bidu ta' din il-katekeżi, il-Papa qal li din kienet tema li "toqgħod tajjeb ħafna f'dak il-perjodu bejn iż-żewġ laqgħat tas-Sinodu iddedikat lil din ir-realtà tant importanti". Kif wieħed jistenna, ir-riflessjonijiet tal-Papa huma tassew sbieħ! Huwa jesprima tant tajjeb il-pjan profond u dejjiemi ta' Alla għaż-żwieġ u l-familja, filwaqt li fl-istess ħin, jemfasizza l-ħniena u l-protezzjoni ta' Alla li Hu joffri lil kulħadd. Il-Papa hu ċar fi kliemu u jgħid bla tlaqliq illi koppji li jgħixu s-sbuħija taż-żwieġ fil-ħajja tal-familja jiffaċċjaw sfidi u diffikultajiet, imma l-aspett pożittiv huwa illi x-xhieda tagħhom ta' mħabba tista' ġġib bidla fid-dinja kollha.

Peress li kelli l-privileġġ li nkun preżenti fi Pjazza San Pietru għal waħda minn dawn l-udjenzi li saret fid-9 ta' Settembru 2015, mill-esperjenza nista' ngħid li l-Papa Franġisku għandu ċerta informalità u ferħ li verament imiss il-qlub tan-nies. F'dinja li fiha l-familji huma għatxana għat-tama, il-Papa jispira din it-tama sempliċement bil-preżenza tiegħu. Hekk kif smajt il-messaġġ tal-Papa għal dik il-ġurnata, l-ewwel ħsieb tiegħi mar fuq kif fil-ħajja kontemporanja tagħna, illum aktar minn qatt qabel, għandna bżonn insaħħu l-familji u nitgħallmu minn xulxin dwar kif ninsġu l-veritajiet tal-fidi tagħna fl-istess nisġa tal-ħajja ta' kuljum.

Il-Papa Franġisku pprovdilna għodda tassew utli għall-ħidma pastorali tagħna. Nittama li, fl-isforzi tiegħi biex niġbor fil-qosor il-katekeżi tal-Papa, ma naqqast xejn mill-importanza ta'dik il-katekeżi. Il-kliem tal-Papa huma tassew ispirazzjoni għal dawk kollha minna li għandhom il-familja – kif Alla riedha li tkun – għal qalbu. Sinċerament nittama li intom issibu dawn il-ftit paġni utli u li dawn iservu wkoll biex wieħed jitħeġġeġ biex jaqra l-katekeżi sħiħa tal-Papa.

Il-Moviment ta' Kana jrodd ħajr lis-Sur Paul Sammut, membru tal-M.U.S.E.U.M., li ġab dan id-dokument għall-Malti.

*Christine Galea*
*Moviment ta' Kana*
*18 ta' Diċembru 2015*

**WERREJ**


1. Introduzzjoni – L-aspett komunikattiv tal-familja

2. Il-maternità

3. il-paternità

4. It-tfal
   - It-tfal bħala rigal
   - It-tfal bħala aħwa
   - It-tbatijiet li jgħaddu minnhom it-tfal

5. L-anzjani
   - Ix-xjuħija bħala kundizzjoni problematika
   - Ix-xjuħija bħala vokazzjoni
   - L-anzjani bħala nanniet

6. Iż-żwieġ u s-sesswalità
   - Il-bnedmin maħluqin bħala rġiel u nisà
   - Il-pjan ta' Alla għar-raġel u l-mara bħala koppja
   - Is-sbuħija taż-żwieġ nisrani
   - L-importanza ta' preparazzjoni tajba għaż-żwieġ u l-perjodu tal-għerusija
   - It-tliet espressjonijiet
   - Ngħinu lill-familji jiskopru mill-ġdid is-sbuħija tal-vokazzjoni tagħhom

7. It-tbatijiet tal-familja minħabba l-fraġilità tal-kundizzjoni umana
   - Il-faqar
   - Il-mard
   - Il-mewt
   - Il-ġrieħi

8. Id-dimensjonijiet tal-familja
   - L-edukazzjoni
   - Iċ-ċelebrazzjoni
   - Ix-xogħol
   - It-talb

9. Nikkomunikaw il-fidi tagħna permezz tal-Komunità u l-Evanġelizzazzjoni

10. Konklużjoni – Inħarsu 'l quddiem

## 1. Introduzzjoni – L-aspett komunikattiv tal-familja

Il-Papa Franġisku beda l-katekeżi tiegħu dwar iż-żwieġ u l-familja fl-10 ta' Diċembru 2014 billi spjega dak li sar fl-ewwel sessjoni tas-Sinodu Straordinarju tal-Isqfijiet li saret f'Ottubru ta' qabel. Il-Papa insista li fis-Sinodu ma sarux interventi li jixħtu f'dubju l-veritajiet fundamentali tas-Sagrament taż-Żwieġ, jiġifieri: l-indissolubiltà, l-għaqda, il-fedeltà u l-ftuħ għall-ħajja. Il-Papa insista wkoll li s-Sinodu "ma kienx xi parlament", imma aktar eżerċizzju ta' komunikazzjoni miftuħa bejn l-Isqfijiet taħt il-gwida tal-Ispirtu s-Santu.

Barra minn hekk, waqt l-indirizz tiegħu għad-49 Jum tal-Komunikazzjonijiet Dinjija fit-23 ta' Jannar 2015, il-Papa insista li l-familja kienet il-post perfett għall bnedmin biex jitgħallmu kif jikkomunikaw kif suppost. Huwa fil-familja fejn persuna jkollha l-ewwel esperjenza ta' djalogu mal-oħrajn; huwa fil-familja illi l-bnedmin jitgħallmu kif iħaddnu u jissapportjaw lil xulxin; illi jaqraw il-lingwa tal-ġesti mhux sempliċement dik tal-kliem; illi jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom; illi jesperjenzaw il-limiti tagħhom kif ukoll tal-oħrajn. Fil-fatt, hija din ir-relazzjoni ta' bejnietna fuq il-livell uman illi twassal għad-dimensjoni reliġjuża tal-komunikazzjoni li hija t-talb.

Skont il-Papa Franġisku, waħda mill-akbar sfidi tad-dinja tal-lum hija illi nitgħallmu nitkellmu ma xulxin u mhux sempliċement li niġġeneraw u nikkunsmaw informazzjoni. Il-familja hija dik il-komunità li twassal lill-kumplament tas-soċjetà biex issir "komunità li tikkomunika", waħda li tiġbor fiha ħafna vuċijiet u esperjenzi u fl-istess ħin tibqa' komunità magħquda flimkien bħala realtà waħda. Għal din ir-raġuni, il-familji għandna nħarsu lejhom bħala riżorsa pożittiva aktar milli problema għas-soċjetà. Fl-aqwa tagħhom, bix-xhieda tagħhom ta' mħabba, il-membri kollha tal-familja għandhom jikkomunikaw b'mod attiv is-sbuħija u r-rikkezza tar-relazzjoni bejn ir-raġel u l-mara, u bejn il-ġenituri u l-ulied.

Naturalment, dan kollu jsib postu fil-katekeżi billi wieħed jagħmel referenza għal siltiet relevanti mill-Iskrittura Mqaddsa. Dan hu li l-Papa jipprova jagħmel fl-udjenzi li ġew wara li l-kontenut tagħhom jista', għal aktar konvenjenza, jinqasam skont it-temi differenti li ġew trattati mill-Papa. Nixtieq niġbed l-attenzjoni illi, f'din il-ġabra fil-qosor tal-katekeżi tal-Papa, it-temi mhumiex miġburin f'ordni kronoloġiku imma aktar miġburin flimkien f'temi skont is-suġġett. Jien ser nagħmel ukoll referenza għal xi diskorsi prinċipali li għamel il-Papa Franġisku dwar iż-żwieġ u l-familja fl-istess żmien li fih il-Papa tana din il-katekeżi dwar l-istess suġġett, jiġifieri bejn l-10 ta' Diċembru 2014 u l-14 ta' Ottubru 2015.

## 2. Il-Maternità

Alla għażel li jiġi fid-dinja permezz ta' familja ffurmata fir-raħal imwarrab ta' Nazaret. It-tarbija Ġesù kien milqugħ b'imħabba mill-ġenituri tiegħu, Marija u Ġużeppi, u bl-istess mod, kull familja Nisranija għandha tilqa' lil Ġesù. B'mod mill-aktar partikulari, Marija ommu "tagħti" lil Ġesù lilna, hija turina lil Ġesù u tiftħilna l-bieb biex naraw lil Ġesù.

Sa mill-bidunett, il-Papa jgħaddi biex jitkellem dwar il-figura tal-omm u s-sinifikat importanti tagħha fil-familja umana. Aħna lkoll nafu l-ħajja tagħna u ħafna minn dak li ġie wara – il-formazzjoni tagħna, kemm umana kif ukoll spiritwali – lill-omm tagħna. Il-valur tal-fidi huwa ħafna drabi mgħoddi lill-iben jew bint mill-omm permezz tas-sens profond tagħha tal-prattika reliġjuża. Għalkemm wieħed bi swied il-qalb jinnota illi, minkejja s-sagrifiċċji kollha li ġġib magħha l-maternità, il-figura tal-omm mhijiex dejjem miżmuma bi stima għolja u t-taħbit tal-omm mhuwiex dejjem apprezzat.

Il-Papa Franġisku jgħid li l-ommijiet huma l-akbar forza kontra t-tixrid tal-"individwaliżmu iċċentrat fuqu nnifsu", għaliex min jaf kemm il-darba huma jagħmlu sagrifiċċji u jinsew lilhom infushom għall-ġid ta' wliedhom. Kemm huwa minnu illi mingħajr l-ommijiet, is-soċjetà tal-bnedmin kienet tkun "soċjetà nieqsa mill-aspett uman" għax, anke fl-agħar mumenti, l-ommijiet jibqgħu xhieda tad-delikatezza, dedikazzjoni u saħħa morali.

Bl-istess mod, il-Knisja hija ommna – "Ommna l-Knisja Mqaddsa" – illi tqiegħed il-maternità tagħha għas-servizz tal-familji, b'impenn sħiħ biex tissapportja lil uliedha b'saħħitha kollha, f'soċjetà li toffri diversi sfidi għar-rigal tal-familja.

## 3. Il-Paternità

Bħalma Marija hija mudell eżemplari għall-maternità illi f'idejha ġiet afdata il-Familja Mqaddsa ta' Nazaret, hekk ukoll l-għarus tagħha San Ġużepp huma mudell sinifikanti għall-paternità. Il-Papa jtenni li kull familja għandha bżonn missier. Tul żewġ udjenza sħaħ, il-Papa jitkellem dwar il-periklu li l-missier ikun "assenti" u l-fenomenu tad-dinja moderna ta' "soċjetà mingħajr missirijiet". Il-Papa jgħid illi llum, b'mod partikulari fil-kultura tal-punent, il-figura tal-missier hija simbolikament assenti; dan għall-kuntrarju tal-passat, meta l-missier kien meqjus, ħafna drabi, bħala figura awtoritarja, invażiva u dominanti. Illum jidher illi l-problema hi li l-missier hu assenti, anke fl-istess preżenza tiegħu. Dan iwassal biex il-missirijiet jagħmlu passi lura u bħala konsegwenza, it-tfal isiru aktar inċerti biex jagħmlu passi 'l quddiem fil-ħajja tagħhom.

Hemm dawk il-missirijiet li tant huma mehdijin bihom infushom u bix-xogħol jew karriera tagħhom illi jinsew kompletament il-familja tagħhom. Din tikkawża vojt u weġgħat fil-ħajja tat-tfal tagħhom u dan il-vojt u weġgħat jistgħu iħallu riperkussjonijiet u konsegwenzi negattivi tassew serji fuq il-ħajja futura tagħhom. Dawn il-missirijiet "ma jġibux ruħhom ta' veri missirijiet", anke jekk ikunu preżenti. Ma jitkellmux ma wliedhom; ma jaqdux ir-rwol tagħhom ta' edukaturi; ma jħallux eżempju tajjeb biex uliedhom jimxu fuqu fil-futur. Ġieli jittraskuraw ir-responsabbiltajiet tagħhom bl-iskuża li huma jixtiequ jkunu "ħbieb" ma wliedhom. Ma jaqbilx li l-ulied jitħallew "orfni" b'dan il-mod, għax dawn jiżviluppaw f'membri foqra tas-soċjetà ċivili, delużi b'perspettivi foloz dwar il-ħajja.

Skont il-Papa dan huwa l-ewwel bżonn. Il-bżonn l-ieħor hu li l-missier għandu jkun mudell eżemplari tal-maħfra, bniedem "li jaf jistenna u jaf jaħfer mill-fond ta' qalbu". Din il-ħaġa ma tirriflettix djufija jew sentimentaliżmu. Bil-maqlub, dan il-mudell ta' paternità jirrivela l-veru Missier li qiegħed fis-Smewwiet. Missier tajjeb għandu jikkoreġi lil uliedu mingħajr ma jumiljahom. Dan jagħmlu b'sens ta' dinjità, u jaħfer l-iżbalji tagħhom hekk kif Alla l-Missier jaħfer lilna. Bħal San Ġużepp, il-missirijiet huma msejħin biex ikun l-gwardjani u l-medjaturi tal-fidi fit-tajjeb, tal-fidi fil-ġustizzja u fil-protezzjoni ta' Alla. Lill-missirijiet, dan ir-rwol ma jista' jeħodulhom ħadd.

## 4. It-Tfal

Il-Papa Franġisku jemfasizza l-punt illi t-tfal huma l-ferħ tal-familja u tas-soċjetà in ġenerali. Għaldaqstant it-tfal mhumiex kwistjoni ta' sempliċi riproduzzjoni bijoloġika, imma mezz ta' sodisfazzjoni u tisħiħ għall-ġenituri wisq aktar minn kull ġid ieħor li jista' jkollhom. L-ulied ifakkruna li lkoll kemm aħna, fl-ewwel snin ta' ħajjitna, aħna dependenti fuq il-kura u l-benevolenza ta' ħaddieħor. L-ulied mhumiex biss teżori għall-umanità, imma wkoll għall-Knisja, "għax kontinwament ifakkruna fil-kundizzjoni neċessarja li permezz tagħha nidħlu fis-Saltna tas-Smewwiet". Huma jfakkruna li m'aħniex awtosuffiċjenti imma għandna bżonn l-għajnuna, l-imħabba, il-maħfra. Bil-mod innoċenti tagħhom kif huma jaraw ir-realtà, il-kapaċità tagħhom li jirċievu u jagħtu t-tenerezza, il-kapaċità tagħhom li jibku u jitbissmu bla riserva, it-tfal jarrikkixxu mhux ftit lill-umanità: il-ħajja, il-ferħ, it-tama, iżda wkoll l-inkwiet.

Konsegwentement, il-Papa jippreżenta l-kateċeżi tiegħu dwar it-tfal taħt tliet temi differenti, imma fl-istess ħin relatati.

### a. It-tfal huma rigal

Dan huwa l-punt tal-bidu. Tifel jew tifla huwa jew hija maħbub jew maħbuba irrispettivament mill-ħars, kwalitajiet, u kapaċitajiet tiegħu jew tagħha. Huma maħbubin "għax huma ulied". Minn dan nisiltu l-profondità tal-esperjenza umana li wieħed jew waħda jkun jew tkun iben jew bint. Dan jgħinna niskopru l-aktar dimensjoni gratwita tal-imħabba. Alla jpoġġi l-imħabba tiegħu f'kull ruħ ta' kull tifel jew tifla – din hija l-bażi tad-dinjità ta' kull persuna, illi ħadd u xejn ma jista' qatt jeqridha.

Il-Papa jgħid li fid-dinja tal-lum huwa diffiċli għat-tfal biex jimmaġinaw il-futur tagħhom, madankollu huma għandhom ikunu kuraġġużi u mhux jibżgħu jibnu u jtejjbu fuq dak li jkunu rċevew. Dan għandu jsir mingħajr arroganza u mingħajr preżunzjoni. Il-Papa jinsisti li t-tfal għandhom jibqgħu iweġġħu lill-ġenituri tagħhom, għaliex soċjetà bi tfal li ma jweġġħux il-ġenituri hija soċjetà bla ġieħ. It-tfal għandhom ukoll jitgħallmu jassumu r-responsabbiltà għall-familja tagħhom u jimmaturaw billi jagħtu sehemhom fit-toqol illi l-familja tista' tgħaddi minnu.

### b. It-tfal bħala aħwa

Minn hawn, il-Papa jgħaddi biex jiddefenixxi l-importanza tar-relazzjoni fraterna bejn l-aħwa. Huwa jgħid li meta din tiġi meqruda, "tkun infetħet it-triq għal esperjenzi ta' tbatija konsegwenza ta' konflitti, tradiment, mibgħeda". Madankollu, jekk ir-rabta tal-fraternità li tiġi iffurmata fil-familja bejn l-ulied tiġi żviluppata f'atmosfera ta' ftuħ għall-oħrajn, allura hija ssir "skola mill-aqwa ta' libertà u paċi". L-aħwa li jitgħallmu jgħixu flimkien f'armonija, li huma mrobbijin b'imħabba u b'edukazzjoni fid-dar, jifirxu l-barka ta' Alla f'Ġesú Kristu u din il-barka tikber f'rabta bejn raġel u mara illi, anke meta huma differenti kompletament minn xulxin, isiru kapaċi li jgħidu "huwa tassew qisu ħija, hija tassew qisha oħti għalija".

Konsegwentement, jekk persuna tiltaqa' ma' aħwa aktar dgħajfin, jew ma' persuna oħra li hija marida jew mhedda fiżikament, din il-persuna tkun xorta waħda kapaċi tħaddanhom magħha b'ġenerożità tal-ispirtu, u b'hekk tagħmel wisa' għall-fraternità tassew Nisranija, li hija tant meħtieġa "fiċ-ċentru tas-soċjetà tagħna teknokratika u burokratika".

### c. It-tbatijiet li jgħaddu minnhom it-tfal

Il-Papa jagħlaq ir-riflessjoni tiegħu dwar it-tfal billi jitkellem dwar dawk is-sitwazzjonijiet diffiċli li t-tfal ġieli jkollhom jgħaddu minnhom, f'ċerti każi, anke mill-ewwel mumenti tal-ħajja tagħhom.

Hemm tfal li ma jiġux aċċettati, li jiġu abbandunati, u li huma misruqin mit-tfulija tagħhom u mill-futur tagħhom minn dawk li jiddikjaraw li dawn it-tfal ġew fid-dinja bi żball. Il-Papa jemfasizza l-punt li t-tfal qatt m'huma "żball". L-adulti huma responsabbli għat-tnissil tat-tfal u għalhekk huma għandhom ikunu wkoll responsabbli biex jassiguraw illi jiġu mrobbijin f'ambjent ta' mħabba u li jingħataw edukazzjoni xierqa. Għandu jsir kull sforz biex jiġu mgħejjuna u protetti dawk it-tfal li huma abbandunati u foqra, emarġinati jew morda, sfruttati jew użati għal skopijiet ħżiena.

It-tfal huma dejjem l-ewwel vittmi f'kultura ta' drittijiet individwali esaġerati u huma spiss dawk li jisfaw vittmi tal-vjolenza li huma mhumiex kapaċi jiskansawha. B'riżultat ta' dan huma jikbru mdorrijin fid-degradazzjoni. Kemm tkun ħaġa sabiħa li ngħixu f'soċjetà li fiha l-adulti jġibu ruħhom b'mod li jassiguraw li ebda tifel jew tifla ma jitqies li huwa jew hija żball, bla valur, jew abbandunat għal ħajja ta' ġrieħi u għall-arroganza tal-bniedem, jgħid il-Papa, li għalih "it-tfal mhumiex xi ħaġa taċ-ċajt".

## 5. L-Anzjani

Il-Papa Franġisku jagħti wkoll attenzjoni xierqa lill-ġenerazzjoni anzjana u jiddedika parti mill-katekeżi tiegħu għall-membri anzjani tas-soċjetà. Din hija wkoll maqsuma taħt tliet temi separati.

### a. Ix-xjuħija bħala kundizzjoni problematika

Il-Papa jitkellem dwar il-"kundizzjoni problematika" tal-anzjani u jgħid illi, grazzi għall-progress fil-mediċina, it-tul tal-ħajja żdied, iżda s-soċjetà ma "espandietx" għall-ħajja. In-numru ta' anzjani żdied sew, iżda s-soċjetajiet tagħna mhumiex organizzati tajjeb biżżejjed biex jakkomodawhom bir-rispett li jixirqilhom u b'konsiderazzjoni prattika għall-fraġilità tagħhom u b'dinjità. Hija ħaġa li tnikket li nies anzjani – partikularment dawk li huma fraġli, weħidhom jew mikdudin bil-mard – huma ġieli meqjusa bħal "piż" u huma tollerati b'mod tassew fqir, anke jiġu traskurati.

Il-Knisja ma tistax tiskuża din l-imġiba u ċċanfar din il-mentalità ta' nuqqas ta' paċenzja u ta' indifferenza – anke disprezz – lejn l-anzjani. Skont il-Papa Franġisku, għandna "nqajjmu mill-ġdid is-sens kollettiv ta' gratitudni, ta' apprezzament, ta' ospitalità, li tgħin lill-anzjani jħossuhom parti ħajja mill-komunità". Huwa punt interessanti li wieħed jinnota li l-Papa jinkludi lilu nnifsu f'din il-kategorija ta' nies, meta juża kummenti bħal "**aħna** l-anzjani".

### b. Ix-xjuħija bħala vokazzjoni

Fuq nota pożittiva, il-Papa jikkonsidra l-valur immens u l-importanza tar-rwol tal-anzjani fil-ħajja tal-familja. Minkejja l-fatt illi s-soċjetà għandha ħabta twarrabhom, Alla żgur li ma jwarrabhomx. Alla sejjaħ lill-bnedmin biex jimxu warajh f'kull fażi ta' ħajjithom, u allura l-anzjanità għandha grazzja u missjoni wkoll; l-anzjanità għandha "vera vokazzjoni" mill-Mulej.

Din il-fażi tal-ħajja hija differenti mill-oħrajn kollha u m'hemmx dubju li l-anzjani jkollhom ifasslu stil ġdid ta' ħajja addattat għal din il-fażi. L-anzjani jridu jiskopra qawwa ġdida u ħidmiet ġodda, biex ikunu jistgħu ikomplu jroddu ħajr lil Alla u jkunu xhieda tiegħU.

### c. L-anzjani bħala nanniet

Finalment il-Papa jappella lil dawk li huma nanniet biex jimxu fuq il-passi ta' "anzjani straordinarji" bħalma kienu l-profeta Xmun u l-profetessa Anna fl-Iskrittura Mqaddsa. Il-Papa appella lill-anzjani biex ikunu "poeti tat-talb" għax it-talb tan-nanniet u tal-anzjani huwa rigal kbir għall-Knisja, huwa teżor. Il-Papa jitlobhom biex jirringrazzjaw lil Alla għall-barkiet kollha tagħhom, jinterċedu għall-ġenerazzjonijiet iżgħar u jagħtu xhieda għall-fatt illi "l-ħajja mingħajr imħabba hija ħajja vojta". Il-Papa jfakkar lill-anzjani illi t-talb isaffi l-qalb u ma jħallihiex issir iebsa bil-korla u bl-egoiżmu, u wkoll biex iħaddnu l-kultura moderna "b'ferħ kbir".

## 6. Iż-Żwieġ u s-Sesswalità

Il-ħsieb tal-Knisja Kattolika dwar is-sesswalità u ż-żwieġ hu mibni fuq veritajiet li ma jinbidlux u ma jistgħux jiġu miċħuda. Il-ħsieb tal-Knisja huwa wkoll marbut u integrat mal-istess nisġa ta' ħsieb dwar ir-relazzjonijiet umani u spiritwali. Dan il-ħsieb kien konsistenti għal 2000 sena u ġie wkoll żviluppat aktar u b'mod aktar profond fl-aħħar snin mill-Papa San Ġwanni Pawlu II bit-teoloġija profonda tiegħu dwar il-ġisem. Il-Papa Franġisku jħobb jirreferi għal dan l-aħħar tagħlim dwar iż-żwieġ bħala "promettenti u tassew mezz indispensabbli biex tiġi komunikata il-verità dwar iż-żwieġ nisrani li tagħmel lill-bniedem tassew ħieles". Madankollu, bħall-Papa Benedittu XVI li ġie qablu, il-Papa Franġisku għandu l-istil partikulari tiegħu fil-mod kif iwassal dawn il-veritajiet. Dan huwa evidenti fil-katekeżi dwar dan is-suġġett li huwa tana fuq medda ta' erba' Erbgħat wara xulxin bejn April u Mejju 2015. Ma' dawn nistgħu inżidu udjenza oħra, dik tas-27 ta' Mejju 2015, li fiha tkellem dwar il-preparazzjoni għaż-żwieġ u l-perjodu tal-għerusija.

### a. Il-bnedmin maħluqin bħala rġiel u nisà

Bħala bidu, il-Papa jagħmel referenza għall-ħolqien tar-raġel u l-mara u s-sagrament taż-żwieġ bħala "l-ikbar rigal ta' Alla lill-umanità". Hu jirreferi għall-ewwel rakkont tal-ħolqien, fil-Ktieb tal-Ġenesi, fejn naqraw li Alla, wara li ħalaq l-univers u kull ħaġa ħajja, ħalaq "il-kapolavur" tiegħu – l-esseri uman, il-bniedem – fuq l-istess sura u xbieha tiegħu (Ġn 1,27). Mhux ir-raġel biss jew il-mara biss huma xbieha ta' Alla, imma wkoll ir-raġel u l-mara bħala koppja. B'hekk Alla ried jirrivelalna li l-bniedem għandu bżonn ir-reċiproċità tar-raġel u l-mara sabiex jiżviluppa u jgħix f'armonija.

Għal din ir-raġuni, il-Papa jikkritika l-hekk imsejħa "teorija tal-ġeneru" – għaliex din it-teorija tasal biex iġġib fix-xejn d-differenza sesswali. Ir-raġel u l-mara hemm bżonn li jikkomunikaw aktar u aħjar, u li jħobbu lil xulxin b'mod aktar profond, jittrattaw lil xulxin b'rispett u jikkoperaw fi spirtu ta' ħbiberija. Sostnuti bil-grazzja ta' Alla, allura jsir possibbli li koppja jippjanaw rabta ta' żwieġ u għaqda ta' familja għal tul il-ħajja.

F'dan ir-rigward, il-Papa jemfasizza żewġ "sinjali li għandhom jinkwetawna":

i. Biex tingħata aktar saħħa lir-reċiproċità tar-raġel u l-mara, hemm bżonn ta' aktar avvanz tal-mara. Hi ħaġa li tnikktek li donna s-soċjetà għadha ma fehmitx biżżejjed dak li "l-ġenju femminili" (terminu li ħoloq il-Papa San Ġwanni Pawlu II) għandu x'joffri u aħna għandna nimxu fuq din il-linja bi kreattività u kuraġġ akbar.
ii. Tista' l-"kriżi ta' fiduċja kollettiva f'Alla" tkun marbuta mal-"kriżi tar-rabta bejn ir-raġel u l-mara"? Jiġifieri, jista' jkun li n-nuqqas ta' fiduċja f'Alla, li hija tant qawwija fis-soċjetà tal-lum, tiġi riflessa fin-nuqqas ta' fiduċja fl-għaqda bejn ir-raġel u l-mara?

Il-Papa mbagħad idur fuq it-tieni rakkont tal-ħolqien, fil-Ktieb tal-Ġenesi, u jispjega kif, wara li Alla ħalaq lil Adam, Huwa osserva li dan ma kellux għajnuna li tgħodd għalih. U għalhekk għamillu din l-għajnuna, il-mara (Ġn 2,18), u lil din Adam aċċettaha bil-ferħ u għarafha bħala parti minnu (Ġn 2,23). Finalment, hemm reċiproċità. Aktar 'il quddiem fir-rakkonti tal-Ġenesi naqraw kif id-dnub fixkel din ir-relazzjoni, nissel in-nuqqas ta' fiduċja u l-firda bejn ir-raġel u l-mara. Imma hemm bżonn li nsibu "sors ta' qawmien fir-rispett" għar-rabta taż-żwieġ u nerġgħu inpoġġu ż-żwieġ u l-familja "f'post ta' ġieħ". Hija r-

responsabbiltà tagħna li nibżgħu għal din ir-rabta bejn ir-raġel u l-mara għax, wara li jagħmel ir-riflessjoni tiegħu fuq iż-żewġ rakkonti tal-ħolqien fil-Ktieb tal-Ġenesi, il-Papa jagħmel pass ieħor 'il quddiem u jurina kif Alla, permezz ta' Ġesú Kristu, irrestawra l-ordni fil-ħolqien tiegħu.

**b. Il-pjan ta' Alla għar-raġel u l-mara bħala koppja**

Fl-Evanġelju skont San Ġwann insibu r-rakkont tat-tieġ ta' Kana (Ġw 2,1-11) li fih Ġesú "salva l-festa" bil-miraklu li fih bidel l-ilma f'inbid. Dan ir-rakkont jeħodna lura għar-rakkonti tal-ħolqien fil-Ġenesi, meta Alla jlesti l-opra tiegħu tal-ħolqien u jagħmel il-kapolavur tiegħu – raġel u mara. Fit-tieġ ta' Kana, Ġesú joħloq kapolavur ieħor: il-familja, iffurmata minn raġel u mara li jħobbu lil xulxin u jiżżewġu lil xulxin.

Minn żmien it-tieġ ta' Kana inbidlu ħafna affarijiet, imma l-Papa jerġa' jemfasizza illi s-"sinjal" ta' Kristu fih messaġġ li jibqa' validu anke għalina llum li qed ngħixu fi klima li fiha mhux faċli titkellem dwar iż-żwieġ bħala festa li tiġi mġedda min jaf kemm il-darba mal-medda tas-snin. Jeżistu tant u tant sfidi għaż-żwieġ fis-soċjetà kontemporanja tagħna; diversi żgħażagħ li qegħdin jagħżlu li ma jimpenjawx ruħhom għaż-żwieġ; in-numru ta' separazzjonijiet u divorzji li dejjem qegħdin jiżdiedu; in-numru ta' tfal qiegħed jonqos; iż-żwieġ m'għadux meqjus bħala rabta għal tul il-ħajja, imma xi ħaġa temporanja.

Madankollu, mhux kollox hu negattiv. Fuq nota pożittiva, il-Papa jgħid li l-ħajja t-tajba tal-koppji nsara u uliedhom hija l-aqwa u l-aktar xhieda li tikkonvinċi dwar il-barka taż-żwieġ nisrani. Ix-xhieda tagħhom hija l-aqwa mod biex jitwassal il-messaġġ dwar is-sbuħija tas-sagrament taż-żwieġ.

**c. Is-sbuħija taż-żwieġ nisrani**

Iż-żwieġ nisrani huwa sabiħ għax mhuwiex sempliċement ċeremonja mżewqa bi fjuri, ilbies sabiħ, ritratti u bl-aċċessorji l-oħra kollha, imma minħabba l-fatt li dan isir FIL-KNISJA u li wkoll JIBNI L-KNISJA billi jagħti bidu għal familja ġdid fil-komunità.

Il-Papa jgħid illi s-sagrament taż-żwieġ huwa att kbir ta' fidi u mħabba: xhieda tal-kuraġġ biex wieħed jemmen fis-sbuħija tal-azzjoni kreattiva ta' Alla u biex jgħix dik l-istess imħabba. Fiż-żwieġ irid ikun hemm il-kunsens liberu tal-għarajjes, u l-pedament ta' dan il-kunsens huwa l-vokazzjoni Nisranija biex tħobb bla kundizzjoni u bla limitu, dejjem bil-grazzja ta' Alla. Iż-żwieġ nisrani huwa "li tiżżewweġ fil-Mulej", jiġifieri, li tkun trid tagħmila ta' medjatur tal-barka u tal-grazzja għal kulħadd. B'dan il-mod, l-għarajjes insara jieħdu sehem fil-missjoni tal-Knisja u, għal din ir-raġuni, il-ħajja tal-Knisja issir aktar għanja bis-sbuħija tar-rabta ta' bejn l-għarajjes.

Dan ma jfissirx li l-vjaġġ fil-ħajja taż-żwieġ ikun faċli. Il-probabiltà hi li dan il-vjaġġ jiffaċċja diffikultajiet li l-koppji jiltaqgħu magħhom fl-isforzi tagħhom biex jibnu l-ħajja tal-familja tagħhom.

### d. L-importanza ta’ preparazzjoni tajba għaż-żwieġ u l-perjodu tal-għerusija

Hawn il-Papa jemfasizza l-ħtieġa ta’ tħejjija xierqa u tajba għall-ħajja miżżewġa. Iż-żmien ta’ qabel iż-żwieġ huwa magħruf tradizzjonalment bħala “ż-żmien tal-għerusija”. Dan huwa ż-żmien li fih il-koppja hi mistiedna biex tagħmel “ħidma tassew ta’ mħabba” fl-isforz tagħhom biex jiskopru lil xulxin bil-mod il-mod, sabiex eventwalment jikkommettu ruħhom għal rabta li hija irrevokabbli, b’saħħitha u dejjiema.

Din ir-rabta ta’ mħabba ma tistax tiġi improvizzata, magħmula bla tħejjija; ma ssirx bil-għaġġla. Trid tkun maħduma bis-sengħa u bil-għaqal, u irfinuta bil-mod. Il-kultura tal-lum saret pjuttost indifferenti “għad-delikatezza u s-serjetà ta’ dan il-pass” u ġieli dawk li jieħdu sehem fil-korsijiet ta’ tħejjija, jagħmlu dan kontra qalbhom. Madankollu, wara li jitlesta dan iż-żmien ta’ tħejjija, ħafna koppji jammettu li huma ferħanin u grati li ngħataw l-opportunità biex jirriflettu fuq l-esperjenza tagħhom.

B’dan il-mod, koppji għarajjes li jimpenjaw lilhom infushom jippreparaw għaċ-ċelebrazzjoni sabiħa taż-żwieġ b’mod nisrani u mhux b’mod materjali kif tippromovi d-dinja.

### e. It-tliet espressjonijiet

Madankollu l-ebda ammont ta’ preparazzjoni soda ma tħejji lill-koppja għar-realtà tal-vjaġġ tal-ħajja miżżewġa. Tkun kemm tkun preparata, fil-ħajja miżżewġa dejjem ikun hemm l-inżul u t-tlajja li l-koppja jkollha tiffaċċja. Fit-13 ta’ Mejju 2015, il-Papa Franġisku għamel diskors f’dik l-udjenza li probabilment tibqa’ l-aktar udjenza popolari mill-udjenzi kollha dwar iż-żwieġ u l-familja.

Il-Papa tkellem dwar il-bżonn li l-koppji jużaw spiss tliet espressjonijiet sempliċi imma li kapaċi li jiftħu t-triq biex il-ħajja tal-familja tkun tajba, ħajja fil-paċi, anke meta jkun hemm eluf ta’ problemi. Dawn l-espressjonijiet, li bażikament huma sinjali ta’ manjieri tajbin li jrawwmu relazzjonijiet tajbin fil-familja, huma:

i. “Nista’...?” – din l-espressjoni turi rispett lejn il-libertà tal-persuna l-oħra u turi wkoll il-kapaċità li wieħed jew waħda jistenna jew tistenna sakemm l-ieħor jew l-oħra jaċċetta jew taċċetta.

ii. “Grazzi” – din hi espressjoni ta’ gratitudni u apprezzament għall-isforzi li l-persuna l-oħra tkun għamlet.

iii. “Skużani *jew* aħfirli” – spiss huwa diffiċli għal xi ħadd li jitlob skuża jew maħfra, imma dan huwa l-uniku mod kif wieħed sinċerament ifejjaq il-ġrieħi.

Il-Papa jikkonkludi billi jgħid illi “dawn huma l-kelmiet li jidħlu bil-verità fil-kuntest tal-imħabba ta’ familja”.

## f. Ngħinu lill-familji jiskopru mill-ġdid is-sbuħija tal-vokazzjoni tagħhom

Fl-14 ta' Ġunju 2015, il-Papa reġa' tkellem dwar iż-żwieġ waqt l-indirizz li huwa għamel lill-parteċipanti tal-Konferenza Djoċesana ta' Ruma. Għalkemm dan mhuwiex parti mill-udjenzi tal-Papa dwar iż-żwieġ u l-familja, ħassejt li ta' min wieħed jinkludihom f'din il-katekeżi dwar is-suġġett.

Fil-qosor, f'dik l-okkażjoni, il-Papa jistieden lill-familji biex jiskopru mill-ġdid is-sbuħija tal-vokazzjoni tagħhom, billi jitkellem dwar l-aspetti tal-komunjoni u l-missjoni. Il-Papa jgħid illi, li wieħed isir missier jew waħda ssir omm hija vokazzjoni, sejħa mill-isbaħ minn Alla biex "tkun b'mod mill-aktar speċjali fis-sura u x-xbieha ta' Alla". Koppja li jħobbu lil xulxin hija ħaġa sabiħa wisq, u koppja għandha turi l-imħabba tagħha anke quddiem uliedhom għaliex m'hemmx xhieda aktar kbira għall-ulied minn dik li jaraw lill-ġenituri tagħhom iħobbu lil xulxin b'tant delikatezza.

Il-Papa jgħid li hija xi ħaġa li tnissel ħafna ferħ li tara koppji li għexu ż-żwieġ għal numru ta' snin, minkejja d-diffikultajiet li huma setgħu iltaqgħu magħhom fil-vjaġġ tal-ħajja miżżewġa tagħhom. Alla qiegħed fiċ-ċentru ta' din il-komunjoni u għalhekk il-koppja jgħinu lil xulxin biex jikbru ġurnata wara ġurnata bil-kultivazzjoni tal-ispirtu ta' reċiproċità u maħfra. Dan hu essenzjali għall-missjoni tal-koppja, li huma msejjħin biex isiru kollaboraturi mal-Ispirtu s-Santu u missjunarji għal uliedhom.

## 7. It-tbaijiet tal-familja minħabba l-fraġilità tal-kundizzjoni umana

Il-Papa Franġisku jiddedika ħames udjenzi għal provi partikulari li, ilkoll kemm huma jħallu ħafna tensjoni fuq il-ħajja tal-familja. Dawn huma:

- Il-faqar (ikluża l-gwerra)
- Il-mard
- Il-mewt
- Il-ġrieħi

Kull familja tiffaċċja sitwazzjonijiet li jittestjaw is-saħħa tagħha. Il-Papa jgħid li dawn is-sitwazzjonijiet irridu ngħixuhom bil-fidi. Il-familja għandha tafda l-ħajja tagħha ta' kuljum f'idejn il-barka ta' Alla u għandha tipprova tirbaħ it-tfixkil b'mod dinjituż. Bħala nsara rridu nkunu qrib dawk kollha li qed ibatu u nieħdu ħsieb dawk il-familji biex intaffulhom l-uġiegħ tagħhom. Dan jista' jsir kemm materjalment (billi naqsmu ma ħaddieħor dak li għandna) kif ukoll bis-sapport tagħna (permezz tal-azzjoni tagħna u t-talb).

Fejn tidħol il-mewt, il-Papa jgħid li din hija kundizzjoni li tolqot lill-familji kollha imma fl-aħħar mill-aħħar l-imħabba hija aqwa mill-mewt u permezz tal-fidi tagħna aħna nistgħu infittxu u nsibu konsolazzjoni fl-esperjenzi kollha tagħna ta' niket.

Meta jitkellem dwar il-ġrieħi li bihom il-membri tal-familja jweġġgħu lil xulxin, il-Papa jgħid li l-weġgħat jitfejjqu jekk ma jiġux injorati. Il-Papa jiffoka b'mod partikulari fuq in-nuqqas ta' ftehim bejn il-miżżewġin, u jgħid li n-nuqqas fl-imħabba konjugali tnissel għadab li, ħafna drabi jiġi mgħoddi għal fuq it-tfal. Meta s-separazzjoni tal-koppja hija inevitabbli, xi minn daqqiet "anke moralment meħtieġa", it-tfal m'għandhom "jittieħdu ostaġġi"; il-ġenituri m'għandhomx jitkellmu ħażin kontra xulxin u għandhom ikomplu jakkumpanjaw lil uliedhom b'mod profond sabiex il-qalb u l-ħajja tat-tfal tkun affettwata bl-inqas mod possibbli. Persuni li jidħlu f'relazzjoni ġdida huma wkoll ta' preokkupazzjoni għall-Knisja illi, filwaqt li hija konxja li s-sitwazzjoni tagħhom hija kuntrarja għas-sagrament nisrani, tibqa' bħal omm lesta li tismagħhom u tilqagħhom.

Fil-fatt, fis-sitwazzjonijiet kollha, il-Knisja hija Omm li hija dejjem lesta biex tissapportja lill-familja fid-dgħjufija tagħha. Il-Knisja tistieden għal talb kontinwu għal dawk milqutin mit-tbatija u, permezz tal-istituzzjonijiet tagħha, tipprovdi assistenza materjali lil dawk il-familji li jkunu fil-bżonn. Madankollu, ilkoll kemm aħna rridu nagħmlu l-parti tagħna biex naddottaw l-istess attitudni biex ħadd ma jkun eskluż mill-imħabba infinita ta' Alla.

## 8. Id-dimensjonijiet tal-familja

Il-Papa Franġisku jiddedika erba' udjenzi għal xi dimensjonijiet essenzjali tal-familja li huma l-edukazzjoni, iċ-ċelebrazzjoni, ix-xogħol u t-talb.

### a. L-edukazzjoni

Hija l-vokazzjoni naturali tal-ġenituri li jedukaw lil uliedhom sabiex dawn jistgħu jikbru u jkunu responsabbli għalihom infushom u għal ħaddieħor. Hija regola għaqlija li l-ulied jiġu mrawmin f'nies li jisimgħu lill-ġenituri u jobduhom; min-naħa l-oħra, il-ġenituri m'għandhomx jagħtu ordnijiet b'mod negattiv; lanqas m'għandhom jitolbu minn uliedhom affarijiet li mhumiex kapaċi jagħmlu, bil-biża' li dawn jaqtgħu qalbhom. Il-ġenituri jridu "jkunu qrib" it-tfal għax diffiċli tasal biex tedukahom meta dawn jaraw biss lill-ġenituri għal ftit ħin filgħaxija.

Il-Papa jikkritika l-alleanza edukazzjonali bejn is-soċjetà u l-familja, u jgħid illi fl-iskola, ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u l-għalliema qed tiġi kompromettuta. F'dan ir-rigward, il-ġenituri qegħdin jiġu mċaħħdin mir-rwol proprju tagħhom għax qegħdin joqgħodu aktar fuq "esperti" li assumew ir-rwol tal-ġenituri anke fl-iktar aspetti intimi tal-edukazzjoni. Il-Papa jħoss li dan il-mod kif qegħdin isiru l-affarijiet mhuwiex sew, imma pjuttost qiegħed iġib inqas armonija u ma jinkoraġġixxix djalogu u koperazzjoni.

### b. Iċ-ċelebrazzjoni

Iċ-ċelebrazzjoni, kif maħluqa minn Alla, hija "ħarsa ta' mħabba u gratitudni lejn xogħol magħmul tajjeb", anke jekk dan isir f'ċirkustanzi ta' diffikultà u niket. Il-mumenti tal-familja huma sagri, għax ifakkruna li aħna maħluqin fis-sura u x-xbieha ta' Alla. Huma sagri wkoll għax waqt iċ-ċelebrazzjoni, Alla huwa dejjem preżenti b'manjiera speċjali.

Għan-Nisrani, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ħadd, b'mod mill-aktar partikulari, huma mumenti sbieħ ta' ċelebrazzjoni fi tmiem ġimgħa ta' taħbit bix-xogħol. Għal din ir-raġuni, dawn għandhom jiġu ċċelebrati mill-familja kollha flimkien għax b'hekk jiżdied il-valur tal-ħajja tal-familja. L-Ewkaristija tal-Ħadd iġġib fiċ-ċelebrazzjoni kull grazzja ta' Ġesú Kristu: il-preżenza tiegħu, l-imħabba tiegħu, is-sagrifiċċju tiegħu, il-ħidma tiegħu biex jibnina f'komunità, il-preżenza tiegħu fostna. Kull aspett tal-ħajja tal-familja jiġi mibdul bil-grazzja ta' Kristu.

### c. Ix-xogħol

Element kumplimentari maċ-ċelebrazzjoni huwa x-xogħol, li huwa wkoll sagru u parti mill-pjan kreattiv ta' Alla. Ix-xogħol iżejjen lill-bniedem bid-dinjità, li huwa maħluq fuq ix-xbieha ta' Alla. Infatti, in-nuqqas ta' xogħol jagħmel ħsara lill-persuna fl-ispirtu tagħha. Ix-xogħol huwa meħtieġ biex wieħed iżomm il-familja u jrabbi lill-ulied. Ix-xogħol huwa wkoll marbut mall-ġid komuni għax persuna ma taħdimx biss għall-ġid tal-familja, imma wkoll għall-ġid tas-soċjetà in ġenerali. Il-missier u l-omm għandhom jgħallmu lill-uliedhom il-valur tax-xogħol permezz tal-eżempju tagħhom stess.

**d. It-talb**

Element ieħor importanti fil-ħajja tal-familja huwa t-talb. Huwa importanti li nsibu ħin biex nitolbu għax it-talb huwa mezz għall-qalb tal-bniedem biex din tkun fil-paċi. Il-Papa jgħid li, madankollu, sabiex insibu l-ħin hemm bżonn li nikkultivaw fi qlubna mħabba qawwija u "mimlija ħeġġa" għal Alla. Il-Papa jifhem li, bħala regola, il-ħin tal-familja huwa "ħin mimli u kumplikat, ħin ta' taħbit u preokkupazzjoni", iżda meta familja ssib il-ħin biex titlob flimkien imbagħad il-ħajja sħiħa tal-familja tiġi "mqegħdha fil-ġuf tal-imħabba ta' Alla" u dan jgħin lill-familja biex tiskopri mill-ġdid il-paċi u l-ferħ ta' rigali mhux mistennija.

## 9. Nikkomunikaw il-fidi tagħna permezz tal-Komunità u l-Evanġelizzazzjoni

Fl-aħħar stadju fil-vjaġġ kateketiku tiegħu dwar il-familja, il-Papa jitkellem dwar ir-responsabbiltà li l-familja għandha biex tikkomunika l-fidi, kemm fil-familja kif ukoll 'il barra minnha.

L-ewwel u qabel kollox, il-Papa jagħmel konnessjoni qawwija bejn il-familja u l-komunità Nisranija: il-Knisja hija familja spiritwali u l-familja hija l-Knisja domestika. Il-familja u l-parroċċa huma żewġ postijiet fejn isseħħ il-komunjoni tal-imħabba li l-għajn fundamentali tagħha ġejja minn Alla. Huwa "indispensabbli u urġenti" li l-Knisja, permezz tal-parroċċa, tkun it-tieni dar li tilqa' b'ospitalità lill-membri kollha tal-familja, u ssaħħaħ ir-rabtiet bejn it-tnejn. Meta l-familja ġġib ir-rigali prezzjużi tagħha lill-komunità, hija tkun qed taġixxi ta' xhieda ħajja għal ħajja ta' komunjoni għas-soċjetà kollha u ġġib 'il quddiem id-djalogu interpersonali u l-attenzjoni għal xulxin u l-istima lejn xulxin.

Permezz ta' din ix-xhieda, il-familja tkun qed tgħix dimensjoni waħda tar-responsabbiltà tagħha, li titrażmetti l-fidi. Il-Papa jsemmi modi oħra li permezz tagħhom il-familja tista' tgħix din id-dimensjoni: "it-tbissima tal-familja" li tista' tirbaħ dak li l-Papa jsejjaħlu "id-deżertifikazzjoni tal-bliet"; toħroġ "mit-torrijiet u l-fortizzi" biex tgħaddi ħin fid-djar u ma nies oħra; tikber f'atmosfera ta' maturità emozzjonali, għax dak hu l-mod biex tifhem lil Alla.

Finalment, il-Papa jħeġġeġ lill-familji biex iwieġbu għas-sejħa ta' Ġesú biex "inroddu lura d-dinja ir-rabta tar-raġel u l-mara ma' Alla". Il-Papa jirreferi għal din ir-rabta – l-għaqda familjali-konjugali – bħala "il-grammatika ġenerattiva, l-għoqda tad-deheb" għax id-dinja maħluqa ġiet afdata f'idejn ir-raġel u l-mara; u dak li jsir bejniethom iħalli l-marka tiegħu fuq kull ħaġa. Jekk ikollna fidi biżżejjed, imbagħad il-familji tan-nazzjonijiet kollha tad-dinja jagħrfu lilhom infushom fil-barka li Alla għamel lir-raġel u l-mara fil-bidu tal-istorja, barka li tgħaddi għal fuq il-bnedmin kollha sat-tmiem taż-żmien.

## 10. Konklużjoni – Inħarsu 'l Quddiem

Dan ix-xogħol ma jkunx komplut mingħajr ġabra fil-qosor tal-ħafna indirizzi sbieħ tal-Papa Franġisku rigward iż-żwieġ u l-familja waqt iż-żjarat li huwa għamel f'Kuba u f'Philadelphia.

Meta kien qiegħed jitkellem f'Kuba fid-22 ta' Settembru 2015, il-Papa mess, bejn wieħed u ieħor, ħafna mit-temi tal-katekeżi tiegħu. Bħala bidu, il-Papa irrefera għat-tiġijiet bħala żmien speċjali ta' ċelebrazzjoni fil-familja, ġrajjiet li jġibu flimkien il-passat u l-futur, bħala sinjal ta' memorja u tama. Ġesú jidħol fil-familja fit-tiġijiet, kważi bl-istess mod li huwa kien jidħol fil-ħajja tal-familja f'ikliet oħra fil-ħajja pubblika tiegħu. Hemm valur kbir fil-ħinijiet tal-ikel peress li dawn iservu ta' opportunità li tippromovi d-djalogu bejn il-membri tal-familja u huma parti integrali mill-għaqda tal-familja. Il-Papa jirreferi wkoll għall-familja bħala l-"Knisja domestika", il-post fejn il-membri tal-familja għandhom jirringrazzjaw lil xulxin, jagħtu u jirċievu l-maħfra, u jsibu l-paċi. Jekk ma jkunx hemm klima tajba fil-familja, il-ħajja ssir vojta u, bħala konsegwenza ta' hekk, is-soċjetà tagħna issir waħda maqsuma. Mingħajr il-ħajja tal-familja, il-bnedmin isiru egoisti u jonqos is-sens ta' solidarjetà, fraternità, koperazzjoni u mħabba. Il-"familja perfetta" ma teżistix imma sakemm ikun hemm l-imħabba ta' Alla, allura l-imħabba dejjem tiġi eżerċitata mal-persuni li tħobb. Il-Papa jaqħlaq id-diskors tiegħu billi jinkoraġġixxi lill-familji biex jiġu sostnuti dejjem bl-Ewkaristija għax din hija l-ikla *per eċċellenza* illi ssostnina bl-imħabba ta' Ġesú u ssaħħaħna fil-fidi tagħna.

Ġewwa Philadelphia, il-Papa jerġa' jitkellem dwar xi temi mill-katekeżi tiegħu, fosthom:

- Il-familja bħala simbolu ħaj tal-pjan mimli mħabba ta' Alla.
- Il-familja bħala dik li għandha "identità divina", jiġifieri li hija maħluqa bħala l-post fejn il-verità, l-imħabba u s-sbuħija jistgħu ikomplu jixxettlu u jikbru.
- L-importanza li tingħata kura speċjali lill-anzjani u lit-tfal għax dawn huma sinjal tal memorja u tama, rispettivament.
- Il-ħtieġa li naqsmu dak li għandna ma' familji li huma neqsin mill-bżonnijiet bażiċi biex jgħixu b'dinjità.

Fid-diskors tiegħu lill-Isqfijiet li kien qegħdin jieħdu sehem fil-Laqgħa Dinjija tal-Familji, fis-27 ta' Settembru 2015, il-Papa jistieden lil ħutu l-Isqfijiet biex jgħaqqdu l-enerġiji tagħhom u biex jibnu mill-ġdid l-entużjażmu biex jgħinnu lill-familji ħalli jikkorrispondu b'mod aktar sħiħ mal-barka ta' Alla li huma huma bħala familji, u biex jinkoraġġixxu liż-żgħażagħ biex jaċċettaw l-istedina ta' Alla biex jimpenjaw ruħhom f'relazzjoni permezz taż-żwieġ.

Il-Papa għalaq iż-żjara tiegħu f'Philadelphia b'Quddiesa li ċċelebra fis-27 ta' Settembru 2015. Waqt riflessjoni fuq il-qari tal-Quddiesa il-Papa jgħid li l-imħabba tintwera u tinxtered fil-familja permezz ta' ġesti ta' tenerezza, affezzjoni u kompassjoni li jintwerew b'manjieri żgħar li jgħinnu lil dak li jkun iħossu milqugħ u aċċettat. Dawn huma sinjali li juru li Ġesú huwa preżenza ħajja u attiva fid-dinja tagħna tal-lum. Il-Papa jistedinna nibqgħu miftuħin għall-mirakli tal-imħabba li kull familja tgawdi minnhom u jawgura li lkoll inkunu profeti biex nuru li l-Ispirtu s-Santu huwa ħaj u għadu jaħdem f'dinja li hi għajjiena mill-"ħolqien ta' firdiet ġodda, weġgħat ġodda, diżarstri ġodda".